ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 30    IT-TNEJN, 12 TA' ĠUNJU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 12 ta' Ġunju 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier (attenda fis- 7.25pm)
Renald Falzon – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

Mattea Sghendo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**30/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**30/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Martina Brancaleone u l-Kunsillier Josef Aquilina li ma setgħux jattendu l-laqgħa minħabba impenji ta' studju u personali rispettivament. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza ta' dawn iż-żewġ kunsilliera kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.
.

**30/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 29**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 29 li nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 29 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**30/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**30/03/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol tar-restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija f'Tal-Blat, huwa lest u jonqos biss li jitwaħħlu l-brazzi u tinxtegħel.

**30/03/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għall-installazzjoni ta' pedelecs/ebikes ħarġet. Hija pproponiet biex il-Bord tal-Għażla tal-offerti jkun kompost hekk:
**Chairperson: Sindku**
**Membri: Vici-Sindku, Ralph Puli, Renald Falzon**
**Segretarju: Segretarju Eżekuttiv**
**Il-Kunsill approva nem.con**

**30/03/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fir-rigward tal-proġett tal-Parking Availability Sensors, instabu

xi diffikultajiet mal-Enemalta fejn dawn qed isostnu li jitwaħħal meter tad-dawl ma' kull gateway transmitter. Il-Kunsill se jkun qed jitlob il-permess tal-Ministru biex dawn l-Enemalta tagħti permess speċjali, iżda fin-nuqqas li dan jingħata l-kuntrattur ikollu jimxi skont ir-rekwiżiti tal-Enemalta li huma koperti fil-kuntratt tal-offerta.

**30/03/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi rebaħ il-Premju Nazzjonali għall-appoġġ lill-Intrapriża, liema premju ta' Eur10,000 se jintużaw billi Eur3000 għall-organizazzjoni ta' Lejl f'Casal Fornaro 2017, Eur3000 għall-organizazzjoni ta' Wine Festival maqsum fuq tlett snin 2017-2019, u Eur4,000 biex isir il-proġett imsemmi fl-applikazzjoni dwar sinjali ta' direzzjoni għall-intrapriżi lokali. Il-Kunsill approva *nem.con*. Din id-deċiżjoni ittieħdet fid-dawl tal-fatt li Eur6000 ingħataw proprju grazzi għas-suċċess taż-żewġ attivitajiet imsemmija li għamlu l-applikazzjoni tal-Kunsill bħala waħda rebbieħa.

**30/03/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mingħand l-Għaqda tan-Nar San Sebastjan dwar l-attivita' li ser jorganizzaw fit-28 ta' Ġunju fil-Pjazza tal-GranMastru. Il-Kunsill approva li jinħareġ il-permess filwaqt li fir-rigward tat-talbiet li tressqu, l-Għaqda tista' tagħmel użu mill-allokazzjoni ta' fondi li l-Kunsill alloka għal servizz kulturali/taħriġ/edukattiv/sportiv lill-għaqdiet.

**30/03/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi dwar talba għall-għajnuna mill-Kunsill Lokali biex issir pubblikazzjoni fl-okkażjoni tal-ghaxar edizzjoni ta' Lejl f'Casal Fornaro. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-pubblikazzjoni tista' ssir mill-fondi approvati aktar qabel f'din il-laqgħa (30/03/04)

**30/03/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mis-Soċjeta Filarmonika Pinto dwar il-permess tal-Kunsill biex fil-ġimgħa tal-festa, il-planċier il-ġdid ikun jista' jiġi armat bejn Triq San Ġużepp u l-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jitlob aktar dettalji bħal site-plan fejn eżatt se jkun dan il-planċier u proposti ta' devjazzjoni tat-traffiku qabel ma jkun jista' jieħu deċiżjoni.

**30/03/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mill-Kunsillier Ralph Puli li f'isem resident xtaq jiddiskuti l-possibilta' li ssir bankina fi Triq Ġużeppi Ciappara. Il-Kunsill iħoss li peress li t-triq hija *two-way,* ma jidhirx li huwa possibli li ssir bankina mingħajr ma jitneħħa l-parkeġġ. Għaldaqstant kien hemm qbil biex il-Kunsill jitlob il-parir tal-perit tal-Kunsill fejn għandu jikkunsidra li t-triq ma tibqax

*two-way*, u għaldaqstant jipproponi *traffic management plan* ġdid għaż-żona kollha.

30/03/09 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mill-Parroċċa San Ġorġ dwar manutenzjoni tar-rifletturi li hemm faċċata tal-knisja. Il-Kunsill qabel unanimament li peress li dawn qed jagħtu d-dawl fit-triq, il-Kunsill se jħallas il-kont ta' Eur 188.80.

30/03/10 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet ilment minn residenti li toqgħod fi Triq l-Isqof Scicluna fejn talbet li titneħħa ir-road hump li hemm quddiem ir-residenza 111. Il-Kunsill fakkar li din ir-road hump kienet saret wara li tressqet petizzjoni. Għaldaqstant il-Kunslil se jivverifika jekk din il-persuna kenitx iffirmat biex titwaħħal din ir-road hump u jekk fl-affirmattiv biex titneħħa din ir-road hump hemm bżonn tinkiseb petizzjoni mill-ġdid iżda din id-darba biex titneħħa.

30/03/11 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza mill-UDITE li għażlet lill-Kunsill Lokali Ħal Qormi sabiex napplikaw għall-European Label of Governance of Excellence taħt l-kappa tagħhom. Għaldaqstant żewġ rappreżentanti tal-Kunsill għandhom jattendu għal Workshops li se jsiru f'Barcelona bejn 21-22 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni tkun magħmula mis-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina.

**30/04 MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera din il-materja ġiet aġġornata sine die.

**30/05 RAPPORTI**

**30/05/01 RISPOSTA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega l-ittra ta' direzzjoni **(DOK B1)** u r-risposta tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din l-ittra ta' direzzjoni hija l-aħjar waħda li qatt kellu l-Kunsill Lokali Ħal Qormi fejn inġibdet l-attenzjoni dwar żewġ punti biss li t-tnejn li huma mhumiex taħt il-kontroll tal-Kunsill u dan peress li kemm id-debituri u l-krédituri mhux dejjem

jikkolaboraw fil-proċess ta' awditjar. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-risposta tal-Kunsill għall-ittra ta' direzzjoni .

**DOK "B2"**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex tiġi approvata r-risposta tal-Kunsill għall-ittra ta' direzzjoni

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni**.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 30/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

Peress li ma kienx hemm rapporti x'jitressqu din il-materja ġiet aġġornata sine die.

## 30/07 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2017

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju 2017
**b)** *Bank Payments* Mejju 2017
**c)** *Petty Cash* Mejju 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** issekonda.

**Ivvutaw Favur Tmien** il-Kunsillier (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**30/08** **MOZZJONIJIET**

**30/08/01** **MOZZJONI 51/2017 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li għal-lejlet il-Festa u nhar il-Festa ta' San Ġorġ u ta' San Sebastjan il-Kunsill jieħu ħsieb li jkun hemm il-preżenza ta' Ambulanza fil-viċinanzi ta' fejn jinħaraq in-Nar, b'dawn il-ħinijiet matul iż-żewġ festi;*

*Is-Sibt - Mis-6.30p.m. sal-12.30a.m. u l-Ħadd - Mis-6.30p.m. u l-10.30p.m. L-ispiza għal dan is-servizz hija ta' € 700.*

**Il-Kunsilliera kollha** issekondaw l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 51/2017.

**30/08/02** **MOZZJONI 52/2017 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Peress li l-Kunsill irċieva ittra li l-impjegat fil-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv ma jixtieqx iġedded il-kuntratt ta' impjieg,*

*Nipproponi sabiex il-Kunsill jibda immedjatament il-proċess ta' impjieg, fejn il-Bord tal-Għażla għandu jkun iffurmat minn dawn ;*

*Is-Sindku (Chairperson)*
*Is-Segretarju Eżekuttiv*
*Il-Viċi-Sindku*
*Il-Kunsillier Ralph Puli*

**Il-Kunsilliera kollha** issekondaw l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 52/2017.

**F'dan l-istadju tal-laqgħa, fis-7.25pm il-Kunsillier Robert Reno Cremona attenda għal-laqgħa.**

**30/09 AĠĠORNAMENT**

Qabel mas-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa fakkret li peress li hemm possibilta' li hija tkun eletta fl-elezzjonijiet każwali bħala Membri Parlamentari, hija jkollha tirriżenja minn Sindku u ghaldaqstant din tkun l-aħħar laqgħa tagħha bħala Sindku. F'dak il-każ hija tawgura lill-Kunsill biex jibqa' jaħdem għal Ħal Qormi kif se tkompli tagħmel hi mill-għola istituzzjoni ta' pajjiżna. Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li tħeġġeġ lill-Kunsill biex ikompli jaħdem fuq il-proġetti li kienu għadhom qed isiru bħal proġett ta' *Parking Availability Sensors*, *eBikes*, il-proġett ta' tisbiħ ta' quddiem il-Knisja ż-Żgħira, u dak tal-wied. Is-Sindku Rosianne Cutajar irringrazzjat lill-istaff u lis-Segretarju Eżekuttiv u b'sodisfazzjni semmiet li se tħalli Kunsill b'saħħtu finanzjarment.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:35 ta' filgħaxija.

| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
|---|---|
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti kkonfermati llum **it-Tnejn, 3 ta' Lulju** 2017.